# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Mejju, 2016**

**Talba Nru: 58/2016/VG**

**Argus Insurance Agencies Limited [C-597]**
**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera**
**Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**Vs**

**Mario PULLICINO**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-24 ta' Frar, 2016** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf mitejn u sittax-il euro u tmien centezmi ta' euro [€1,216.08c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "1. Matul is-sena 2013, il-konvenut kien assigura l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DRI-011 mas-socjeta attrici;
>
> 2. Nhar it-30 ta' Gunju 2011 sehh incident awtomobilistiku gewwa Franza bejn l-imsemmija vettura misjuqa mill-konvenut

stess, u il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DN 640 KJ di proprjeta ta' Markku Peltouiemi;

3. Il-konvenut baqa ma ressaqx *claim* mas-socjeta attrici relattivament ghall-incident de quo, kif kien obbligat illi jaghmel kemm ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva mahruga mis-socjeta attrici;

4. Effettivament, is-socjeta attrici hallset lit-terzi ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, is-somma ta' elf mitejn u sittax-il Euro u tmien centezmi (€1,216.08) kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz;

5. Peress illi l-konvenut agixxa bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva u tal-Ligi, is-socjeta attrici hija awtomatikament intitolata illi tirkupra minghand l-istess konvenut l-ammont ta' elf mitejn u sittax-il Euro u tmien centezmi (€1,216.08) rapprezentanti l-ammont minnha sborsat favur terzi f'dan il-kaz.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 636/2014 ipprezentata mis-socjeta attrici fil-konfront tal-konvenut ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut, illi jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fis-7 ta' April, 2016 u li baqa' ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha lil Dr. Anthea Turner tikkonferma bil-gurament taghha li l-ammont reklamat ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Anthea Turner ddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf mitejn u sittax-il euro u tmien centezmi ta' euro [€1,216.08c] u dan wara li qalet li l-intimat, matul is-sena 2013, kien assigura l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DRI-011 maghha. Waqt li l-intimat kien jinsab gewwa Franza bil-vettura msemmija, huwa kien involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DN 640 KJ li hija proprjeta ta' Markku Peltouiemi. Peress li l-intimat baqa ma ressaqx *claim* maghha ghar-rigward ta' l-imsemmi incident kif kien obbligat illi jaghmel kemm ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u a bazi tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva mahruga minnha gie li l-intimat agixxa bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva u tal-Ligi u ghalhekk, hija ntitolata illi tirkupra minghand l-intimat l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri li kellhom jithallsu lil terzi minnha.

Ikkunsidra;

2. Dr. Anthea Turner ikkonfermat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat fis-7 ta' April, 2016 u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

9. Is-socjeta rikorrenti baqghet ma esebietx l-ittra ufficjali msemmija minnha fit-talba u cioe dik bin-numru 636/2014 u ghalhekk ma huwiex f'posizzjoni jghid jekk l-intimat giex notifikat biha jew le. Ghalhekk, it-talba tas-socjeta rikorrenti ghal imghaxijiet mid-data ta' l-imsemmija ittra ma hijiex sejra tintlaqa u minflok sejjer jibda jidekorri l-imghax fuq l-ammont dovut mill-intimat mid-data tan-notifika ta' din it-Talba u cioe mis-7 ta' April, 2016.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mitejn u sittax-il euro u tmien centezmi ta' euro [€1,216.08c] bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tat-Talba odjerna u cioe s-7 ta' April, 2016 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**